# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar L-Erbgha 18 ta' Jannar 2017**

**Kawza Numru : 13**

**Rikors Numru : 517/2016 JPG**

**Fl-atti tas-subbasta numru 55/2015**

**Fl-ismijiet:**

**Miller Distributers Limited (C344)**

**Vs**

**Michael Chetcuti (ID 74185M)**

**Il-Qorti :**

Rat r-rikors ta' Michael Chetcuti tas-27 ta' Gunju 2016, (a fol. 1) li jaqra hekk:

*"Illi huwa gie a konjizzjoni ta' dawn l-atti recentement li huma bazati fuq ittra ufficjali ezekuttiva 166A datata 6 ta' Mejju, 2014 li giet intavolata mir-rikorenti socjeta' kontra tieghu bil-pretensjonijiet taghha hemm kontenuti.*

*Illi l-imsemmija ittra ufficjali l-esponenti ma giex notifikat biha u dan kif jidher mill-atti tal-imsemmija fejn minflok giet konsenjata lil certu Peter Sultana u jidher ukoll li l-istess ma gietx debitament reza titolu ezekuttiv;*

*Illi l-esponenti ser jipprocedi sabiex jrendi nulla l-imsemmija ittra ufficjali ai termini tal-ligi;*

*Illi stante li din is-subbasta giet iffissata ghall-21 ta' Lulju 2016 u gie mqabbad Perit Tekniku biex jaghmel l-istimi l-esponenti qed jressaq dan ghall-informazzjoni ta' din il-Qorti sabiex ma jsirux spejjes inutili;*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti prevja kull provvediment li thoss opportun li tissospendi l-atti ta' din is-subbasta."*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 t'Ottubru, 2016 fejn Dr Carmelo Mifsud Bonnici ddikjara li m'ghandux aktar provi u jistrieh fuq l-atti tas-subbasta innfisha u l-atti prodotti mar-rikors promotur (Vide Fol 9).

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Novembru, 2016 fejn Dr Kris Scicluna ddikjara li ma ghandux aktar provi xi jressaq. (Vide Fol 14)

Rat id-dokument ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat;**

**Michael Chetcuti xehed a fol 10 – 11 illi huwa ma rcieviex l-ittra ufficjali esebita a fol 8 u li huwa ma jafx min hu Peter Sultana, li la jahdem mieghu u lanqas joqghod fl-indirizz tieghu.**

**In kontro-ezami** a fol 11 – 13 xehed illi huwa ma kienx gie notifikat b'sekwestri u gie notifikat biss bil-qbid ta' subbasta, izda ma jiftakarx meta, u lanqas jiftakar meta mar ikellem avukat fuq din il-kwistjoni.

Ir-rikors promotorju tas-subbasta odjerna gie ntavolat fl-4 ta' Settembru 2015.

**Ikkonsidrat;**

Ir-rikorrent qieghed jitlob is-sospensjoni ta' din is-subbasta a bazi tal-fatt illi, skont hu, l-ittra ufficjali 166A intavolta mis-socjeta esekutanta ma gietx notifikata lilu u giet minflok ikkonsenjata lil certu Peter Sultana, u anke ghaliex l-istess ittra ma giet reza titolu esekuttiv.

L-ewwel sub-inciz tal-Artikolu 187 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> "[i]*n-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata, jew billi dik il-kopja tithalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha."*

Fil-kaz odjern, mid-dokument esebit a fol 2, jirrizulta illi l-ittra ufficjali 166A in kwistjoni giet imhollija f'idejn certu Peter Sultana bil-karta ta' identita numru 792444. Ir-rikorrent cahad illi jaf lil Sultana u xehed illi filfatt Sultana la jahdem mieghu u lanqas joqghod fl-indirizz tieghu. Minn naha taghha, is-socjeta ntimata ma ressqet l-ebda prova sabiex tikkontradici dak li qal ir-rikorrent.

Ghal fini ta' dawn il-proceduri, il-Qorti tista' taghmel biss evalwazzjoni *prima facie* tal-kontenzjoni tar-rikorrenti, u dan sabiex tistabbilixxi jekk hemmx ragunijiet validi skont il-ligi sabiex tigi sospiza s-subbasta.

Il-Qorti tqis illi r-rikorrenti ressaq prova sodisfacjenti, fuq livell ta' *prima facie,* illi l-ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A li fuqha hija bbazata din is-subbasta ma gietx notifikata lilu. Peress illi l-validita tal-istess ittra tiddependi fuq notifika valida tar-rikorrent, u peress illi f'kaz li din l-ittra ufficjali tigi dikjarata invalida permezz ta' proceduri idoneji ntavolati mir-rikorrent, is-socjeta esekutanta ma jkollhiex titolu ufficjali ezekuttiv a bazi ta' liema tista' tissokta b'din s-subbasta, il-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi jkun ghaqli illi din is-subbasta tigi sospiza sakemm jigi determinat jekk in-notifika tal-ittra ufficjali skont l-Artikolu 166A kienetx wahda valida skont il-ligi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrent u tordna s-sospensjoni ta' din is-subbasta sakemm jigi determinat permezz ta' sentenza finali jekk in-notifika tal-ittra ai termini tal-Artikolu 166A Kap 12 li fuqha huma bbazati dawn il-proceduri hijex wahda valida skont il-ligi u f'kas li l-proceduri ikunu ghadhom mhux intavolati, tippreferigi xahar zmien mid-data tas-sentenza biex dan isir.

Bi spejjez kontra s-socjeta Miller Distributors Ltd (C344).

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**